# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 15**
**Rik. Nru. 1246/11JRM**

Peter Paul **CACHIA**

vs

Noel **ĊEFAI** kif eżerċenti l-kummerċ f'isem id-ditta '*Green Care Trading*'

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-15 ta' Diċembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti: (i)issib li huwa biegħ lill-imħarrek għadd ta' konsenji ta' *scrap metal* skond ir-rati tal-użin u r-rati ta' tgħabija u ġarr; (ii) tillikwida l-bilanċ ta' prezz dovut lilu mill-imħarrek b'rabta ma' dan il-bejgħ; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu l-ammont hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Awwissu, 2011 u tal-mandat ta' sekwestru tal-25 ta' Novembru, 2011;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-19 ta' Diċembru, 2011, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li għandu jagħti lill-attur xi flejjes għaliex qal li lill-attur ħallsu kulma kellu jħallas;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Jannar, 2012[1], li bih tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2012[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat il-provvediment tagħha tal-10 ta' Jannar, 2013[3] li bih ċaħdet talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tal-5 ta' Diċembru, 2012[4], biex il-Qorti ġġib quddiemha l-atti tal-kawża bin-numru 1254/11JPG bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi ħalli ż-żewġ kawżi jimxu flimkien;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2015[5], li bih awtorizżat lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-14 ta' Awwissu, 2015[6], imressqa mill-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-16 ta' Novembru, 2015[7], imressqa mill-imħarrek bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[8];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġġ 11 – 2 tal-proċess
[2] Paġ. 17 tal-proċess
[3] Paġ. 105 tal-proċess
[4] Paġ. 102 tal-proċess
[5] Paġ. 563 tal-proċess
[6] Paġġ. 566 sa 583 tal-proċess
[7] Paġġ. 587 sa 600 tal-proċess
[8] Paġ. 615 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bejgħ u ġarr ta' merkanzija mgħobbija konsistenti f'metall għar-rimi ("*scrap metal*") magħmul l-aktar minn fili tar-ram u "*profiles*" tal-aluminju. L-attur qed ifittex lill-imħarrek biex iħallsu għadd ta' ammonti rappreżentanti l-prezz tal-materjal mibjugħ, flimkien mal-ispejjeż għat-tagħbija u l-ġarr tiegħu, flimkien mal-ħlas tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-operatur tal-krejn imqabbad mill-imħarrek. Minħabba li l-bejgħ u l-ġarr sar fuq rati miftehma bejn il-partijiet, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tillikwida l-ammont li għad fadallu jitħallas u l-kundanna tal-imħarrek biex iħallsu l-ammont hekk likwidat;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li kien jiċħad illi kien fadallu jagħti xi ħlas lill-attur billi "huwa ħallas lir-rikorrent għas-saldu tan-negozju li sar bejniethom";

Illi bħala fatti relevanti illi joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta illi l-attur jaħdem fil-ġbir, xiri u bejgħ ta' materjal ta' skart għar-riċiklaġġ, filwaqt illi l-imħarrek jixtri xogħol tal-istess għall-esportazzjoni. F'dan il-każ, bejn Ġunju u Settembru tas-sena 2010, il-partijiet daħlu f'negozju flimkien fejn l-attur biegħ lill-imħarrek materjal bħal dak biex jintbagħat lejn il-Malażja;

Illi l-attur jgħid illi, tul iż-żmien li l-partijiet ħadmu flimkien, kien hemm tliet konsenji ta' materjal mingħandu għal għand l-imħarrek. Dawn saru f'Ġunju, f'Awwissu u l-aħħar wieħed f'Settembru ta' dik is-sena[9]. L-imħarrek jgħid li l-konsenji kienu tnejn biss, waħda f'Ġunju u l-oħra f'Settembru, u dan kif jixhdu ż-żewġ fatturi maħruġa mill-attur[10], u r-rapport tas-*surveyor*[11];

Illi fid-9 ta' Ġunju, 2010[12], saret kitba li biha l-attur iddikjara li huwa kien qiegħed ibigħ lill-imħarrek tliet mitt (300) tunnellata ta' "*mixed cable wire*" għall-prezz ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) kull tunnellata għas-somma ta' mija u ħamest elef ewro (€105,000);

Illi l-attur xehed li l-ewwel ftehim li ntlaħaq mal-imħarrek kien dak ta' bejgħ ta' madwar mitejn u tmenin (280) tunnellata ta' materjal, fosthom *mixed cable wire* u *wire strands* għall-prezz maqbul bejn il-partijiet ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) għal kull tunnellata, liema rata ma kinitx tgħodd fiha t-Taxxa ta' Valur Miżjud. Kien maqbul ukoll il-ħlas ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) għat-tagħbija ta' kull kontejner li fih kellu jinġarr il-materjal mibjugħ. L-attur jiċċara li t-tieni ftehim kien bejgħ ta' mija u ħamsa u għoxrin (125) tunnellata oħra ta' skrapp, li kien jinkludi l-ħadid tal-HMS, *steel strands* u l-*cables* ta'

[9] Kontro-eżami tal-attur f'paġ. 343 tal-proċess
[10] Dok. "NC16" f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess
[11] Dok. "AT" f'paġġ. 109 sa 206 tal-proċess
[12] Dok "CN", f'paġ. 80 tal-proċess

magħhom, flimkien ma' lott ta' aluminju li kien jikkonsisti f'biċċa minnu fi "*profiles*" tal-aluminju u f'parti oħra f'tubi. Il-prezz maqbul kien ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) għal kull tunnellata wkoll. Il-partijiet ftehmu li għar-rigward tal-kiri tal-krejn u l-ispejjeż tat-tagħbija, kellu jieħu ħsieb l-attur[13]. L-attur jgħid li t-tielet ftehim kien dwar bejgħ lill-imħarrek ta' tnax-il elf erba' mija u sittin (12,460) kilogramm ieħor ta' materjal li kien magħmul f'qatgħat tal-aluminju. Għal din it-tagħbija, l-attur ma kienx qed jistenna l-ħlas mingħand l-imħarrek, imma biss il-prezz miftiehem għall-materjal[14]. L-attur isemmi wkoll li kien hemm ir-raba' ftehim li kien marbut ma' bejgħ ta' aktar *cables* bl-istess prezz ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) għal kull tunnellata[15];

Illi l-attur jgħid illi tal-ewwel ftehim tħallas biss l-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) tal-materjal mibjugħ, iżda mhux tan-nefqa tat-tagħbija u ġarr. Għaldaqstant, billi għal dik il-konsenja ntużaw tnax-il (12) kontejner, ġie li l-attur sa dakż-żmien kien fadallu jitħallas mingħand l-imħarrek l-ammont ta' tlieta u tletin elf u sitt mitt ewro (€33,600). L-attur jgħid ukoll li hu ħallas l-ispejjeż marbuta mal-użu tal-krejn[16];

Illi l-attur jgħid li f'Awwissu tal-2010 saret it-tagħbija tal-aluminju u l-imħarrek ħallas l-ammont ta' erbat elef tmien mija u sebgħin ewro (€4,870) bħala depożitu akkont, filwaqt illi f'Settembru saret it-tagħbija ta' sebgħin (70) tunnellata ta' "*cable wires*" u "*steel strands*" flimkien ma' ħamsa u tletin (35) tunnellata ta' HMS (li fil-mestier huwa ħadid magħruf bħala "*heavy melting steel*"). Għal din it-tagħbija ntużaw sitt (6) *containers*[17]. Fl-istess konsenja tgħabbew ukoll il-*cable*s li kienu l-mertu tar-raba' ftehim. Tgħabbew ukoll erbat elef, tliet mija u għoxrin (4,320) kilogramm ta' aluminju[18];

Illi l-attur iżid igħid illi f'Ottubru l-imħarrek għaddielu l-ammont ta' €16,258[19] f'*cheque,* li kien diġà mimli u, minn dak in-nhar 'l hemm, ma tħallas xejn aktar. L-attur jgħid li, b'hekk fadallu jitħallas mija u sebat elef, seba' mija u ħamsa disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€107,795.44) mingħand l-imħarrek[20];

Illi l-attur jikkonferma taħt ġurament illi kien biss fl-aħħar ta' Awwissu, 2011[21], li ressaq talba bil-miktub lill-imħarrek għal ħlas ta' dak li kien baqa dovut lejh, u dak kien att ġudizzjarju;

---

[13] Xhieda tal-attur f'paġ. 258 tal-proċess
[14] *Ibid* paġ. 259 tal-proċess
[15] *Ibid*
[16] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 258 tal-proċess
[17] *Ibid*
[18] *Ibid* paġ. 260 tal-proċess
[19] *Ibid*
[20] Dok. "PC1" f'paġ. 4 tal-proċess. Ara wkoll il-fatturi mmarkati bħala Dok. "FCC2" f'paġ.ġ. 372 sa 380 tal-proċess
[21] Dok "PC2", f'paġ. 6 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid illi l-attur ħariġlu żewġ fatturi[22] biss għall-ħlas, waħda li ġġib id-data tas-6 ta' Ġunju, 2010 u l-oħra tat-30 ta' Settembru, 2010 marbuta ma' bejgħ ta' materjal magħruf bħala "*mixed cable*". Jgħid ukoll li l-materjal kollu ngħata prezz wieħed, jiġifieri dak ta' ħamsa u tletin ċenteżmi ta' ewro (€0.35) kull kilogramm, u l-kwantità kollha ta' materjal kienet titla' għal mitejn u disgħa u sebgħin tunnellata u disgħa mija u erbgħin kilogramm (297.940T) fl-ewwel fattura u mija u ħamsa u għoxrin tunnellata u ħames mija u għaxar kilogrammi (125.510T) fit-tieni fattura. Fuq it-total żdiedet it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%). Dawn il-fatturi għaddew għand l-imħarrek wara li nħarġet ordni mill-Qorti waqt proċeduri li nfetħu kontra l-attur, fuq ilment mressaq mill-imħarrek, illi l-attur qatt ma ħareġ irċevuti għall-ħlas li għaddielu[23], u dan wara li kien ilu jinterpellah għal ġimgħat sħaħ[24];

Illi l-imħarrek jgħid illi dawn il-fatturi ma setgħu qatt ikunu tajbin għal għadd ta' raġunijiet. Fl-ewwel lok, jgħid li l-attur qatt ma seta' kien jaf kemm jiżen il-materjal fid-data li ħareġ l-ewwel fattura tas-6 ta' Ġunju, 2010 meta l-materjal tqiegħed biex jintiżen ġranet wara d-data murija fuq il-fattura[25]. Fit-tieni lok, il-materjal ma kienx kollu tal-istess kwalità, u għaldaqstant il-prezz miftiehem bejniethom kien ivarja[26]. Il-prezz kien il-"*buying rate*" li ġie ffissat mill-attur[27]. Jgħid ukoll illi fil-fatturi maħruġa mill-attur, imkien ma jissemma l-bejgħ ta' l-aluminju, meta l-attur innifsu qed jippretendi ħlas ukoll ta' tmien (8) tunnellati "*aluminium profile*"[28];

Illi l-imħarrek jgħid illi l-ewwel li xtara kien tnax-il (12) kontejner[29] ta' "*cable*" tar-ram li kienu jiżnu 279.940 tunnellata prezz ta' €350 kull tunnellata, magħduda t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[30], li b'kollox jitla' qrib it-tmienja u disgħin elf ewro (€98,000)[31]. Jgħid li l-i"*steel wire*" flimkien mal-HMS kellu piż ta' 125.510 tunnellata għall-prezz ta' €101.70 kull tunnellata, mingħajr Taxxa għall-Valur Miżjud. Jgħid li dan inxtara mingħand l-attur f'lott wieħed, ukoll jekk t-tagħbija tal-materjal saret fuq medda ta' ġranet[32]. Inxtrat ukoll tunnellata ta' aluminju[33] bir-rata ta' €1,055, liema rata ma tinkludix it-Taxxa dwar il-Valur Miżjud[34]. It-total tal-i"*steel wire*", HMS u aluminju jitla' b'kollox għal

[22] Dok."NC16" f'paġġ. 51-52 tal-proċess
[23] Ara xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 60 u 67 tal-proċess
[24] Ara Dok. "FCC3" f'paġ. 392 sa 410 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 68 u 90 tal-proċess. Bħala proċess ta' x'jiġri mill-waqt li ssir it-tagħbija sa meta jittieħed il-piż, ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ.63 tal-proċess. Għar-rigward tal-irċevuti marbuta mal-piż ara Dok. "NC17" f'paġġ. 53 – 8 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 25 u 91 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 91 – 2 tal-proċess. Għar-rigward tax-xiri tal-*cable wire* ara Dok. "CN" f'paġ. 80 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 95 tal-proċess
[29] Ara ritratti mmarkati bħala Dokti. "NC1" sa "NC4" f'paġġ. 38 – 41 tal-proċess
[30] Xhieda tal-konvenut f'paġ. 29 tal-proċess
[31] Paġ. 44 tal-proċess
[32] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 62 tal-proċess
[33] L-imħarrek jirreferi għalih bħala "tubi" u mhux "*aluminium profiles*". Ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 94 tal-proċess
[34] Xhieda ta' l-imħarrek f'paġ. 31 tal-proċess

sittax-il elf, mitejn u tmienja u ħamsin ewro (€16,258) bit-Taxxa dwar il-Valur Miżjud b'kollox[35];

Illi l-imħarrek jgħid ukoll illi b'kollox il-materjal mibjugħ inġabar ġo tnax-il (12) kontejner bil-"*cable wire*"[36] matul Ġunju, f'ħames (5) "*containers*" bl-HMS matul Settembru, flimkien ma' tunnellata aluminju fl-istess żmien[37]. It-tunnellata tal-aluminju tqiegħdet u nġarret ma' materjal ieħor li l-imħarrek kien għabba minn band'oħra[38];

Illi l-imħarrek ifisser ukoll li, minbarra dan, kien hemm l-ispejjeż tal-ġarr u tat-tagħbija. Ta' l-ewwel kienet f'idejh filwaqt li tat-tieni kienet f'idejn l-attur, għalkemm l-imħarrek jgħid illi ħareġ xi biċċa min-nefqa għat-tagħbija huwa wkoll[39]. Iżid jixhed li, min-naħa tiegħu, il-ħlas lill-attur sar permezz ta' ċekkijiet[40] wara kull darba li saret it-tagħbija u wara li kien ikun intiżen il-materjal u determinat il-piż[41]. Jgħid ukoll li ħallas il-prezz kollu tal-merkanzija mibjugħa lilu mill-attur[42];

Illi mill-atti joħroġ ukoll li, għall-bidu, l-attur ma ħallasx it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mid-dħul li kiseb minn dan in-negozju, sakemm ittieħdu proċeduri legali kontrih, fuq kwerela mressqa mill-imħarrek[43]. L-imħarrek jgħid illi, fil-fehma tiegħu, din il-kawża nfetħet sewwasew sabiex l-attur jiġbor minn fuq dahru dak li kellu jħallas bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud wara l-proċeduri li tnedew kontrih u bi tpattija tal-ilment illi huwa kien ressaq mad-Dipartiment tal-V.A.T. talli l-attur naqas li jgħaddilu l-irċevuti tal-ħlas marbuta man-negozju li sar bejniethom[44];

Illi fit-30 ta' Awwissu, 2011, l-attur bagħat jinterpella lill-imħarrek b'att ġudizzjarju biex iħallsu s-somma ta' €107,777.25 bħala bilanċ "għal xogħol ikkonsenjat u aċċettat minnek". L-imħarrek laqa' n-notifika tagħha fit-3 ta' Settembru, 2011;

Illi l-attur fetaħ il-kawża fil-15 ta' Diċembru, 2011;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-23 ta' Mejju, 2012[45], l-attur ammetta l-ewwel

---

[35] Dok. "NC15" f'paġ. 43 tal-proċess
[36] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 61 tal-proċess
[37] *Ibid* paġ. 63 tal-proċess
[38] Xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 64 u 65 tal-proċess. Ix-xhud isemmi li t-tagħbija saret minn Rock-A-Go *scrap yard* u minn *scrap yard* oħra f'Ħal Qormi. Ara f'dan ir-rigward ukoll ir-rapport tas-*surveyor* Arthur Taliana f'paġġ. 162 sa 177 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda tiegħu f'pap. 222 tal-proċess
[39] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 65 tal-proċess
[40] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 24 tal-proċess. Ara wkoll kopja taċ-ċekkijiet f'paġġ. 46 sa 50 tal-proċess
[41] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 31 tal-proċess
[42] *Ibid* f'paġ. 24 tal-proċess
[43] Dok. "FCC7" f'paġġ. 426 – 7 tal-proċess
[44] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġ. 587 tal-proċess
[45] Dok "FCC5", f'paġġ. 421 – 2 tal-proċess

imputazzjoni mressqa kontrih li kienet tixlih li naqas li jipproduċi jew jagħti fatturi ta' taxxa fuq bejgħ ta' provvisti skont il-kumpens lilu mħallas għal dawk il-provvisti. Ma sar l-ebda appell minn dik is-sentenza;

Illi jidher li l-kunsiderazzjonijiet ta' natural legali marbutin mal-każ jintrabtu l-aktar mal-kwestjoni ta' x'kien sewwasew miftiehem bejn il-partijiet meta seħħew l-arranġamenti ta' bejniethom u l-kredibilità tax-xhieda li taw. Jidher li l-kwistjonijiet li nqalgħu jinġabru taħt dawn l-irjus: (i) x'kien jgħid tassew il-"ftehim" miktub tad-9 ta' Ġunju, 2010[46], dwar liema materjal il-partijiet ftehmu fuqu li kellu jbiegħ lill-imħarrek u dwar jekk it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kinetx inkluża fil-prezz; (ii) min kellu iħallas għat-tagħbija u l-ġarr; u (iii) jekk il-ftehim li l-attur jgħid li laħaq mal-imħarrek wara dak tad-9 ta' Ġunju, 2010, kienx ukoll soġġett għall-istess kundizzjonijiet bħal dak ta' Ġunju;

Illi l-liġi tistabilixxi regoli u prinċipji dwar it-tifsir li jingħata lil ftehim milħuq bejn il-partijiet li jkunu daħlu għalih. L-ewwel prinċipju hu li fejn il-kliem ta' ftehim, meħud fit-tifsira li għandu skont l-użu fiż-żmien li jkun sar, huwa ċar, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni[47]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, hemm ċirkostanzi fejn dik il-kjarezza ma toħroġx daqstant ċara;

Illi t-tieni prinċipju ta' dritt hu li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar jew fejn jingħadu b'mod li l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwestjoni dwarha, il-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dak inhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt[48]. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-qrati dwar it-tifsir xieraq ta' kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk[49];

Illi fost dawk id-dispożizzjonijiet, wieħed isib li biex kliem fi ftehim ma jingħatax it-tifsir li jkollu, trid tkun il-fehma kuntrarja identika tal-partijiet kollha fil-ftehim biex tingħata t-tifsira li fehmuha l-partijiet u mhux dik li ġġorr il-kelma miktuba[50]. Hekk ukoll, meta kliem fi ftehim jistgħu jkollhom aktar minn tifsira waħda, għandha tingħata t-tifsira li biha l-ftehim jingħata effett u mhux dik li biha l-ftehim jitlef kull effett[51], b'mod li kliem li jista' jfisser ħaġa jew oħra għandu jingħata t-tifsir li jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt[52]. Klawsoli fi ftehim

[46] Dok. "CN" f'paġ. 80 tal-proċess
[47] Art. 1002 tal-Kap 16
[48] App. Ċiv. **13.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri noe vs Vincenti*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.27**)
[49] App. Ċiv. **15.12.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.704**)
[50] Art. 1003 tal-Kap 16
[51] Art. 1004 tal-Kap 16
[52] Art. 1005 tal-Kap 16

għandhom jitfissru l-waħda bl-oħra, b'mod li lil kull waħda jingħata s-sens li jidher mill-att kollu[53]. Jekk, minkejja t-tħaddim ta' dawn ir-regoli, jibqa' d-dubju dwar liema huwa t-tifsir xieraq ta' kliem fi ftehim, tingħata t-tifsira kontra dak li favurih saret l-obbligazzjoni (il-'kreditur' tal-obbligazzjoni) u favur ta' dik mill-partijiet li ntrabtet biha (id-'debitur' tal-obbligazzjoni)[54];

Illi huwa wkoll miżmum li biex wieħed jasal għat-tifsir xieraq tal-kliem fi ftehim, partikolarment fil-każijiet li għadhom kemm issemmew, wieħed jista' jistrieħ ukoll fuq xhieda jew dokumenti oħrajn li jitfgħu dawl fuq il-ftehim ewlieni[55], u dan ukoll bi tħaris tal-prinċipji li jirregolaw x'għamla ta' xhieda tista' titressaq "kontra" dak li hu miktub. Minbarra dan, jibqgħu dejjem jgħoddu ż-żewġ regoli l-oħrajn fid-dritt tal-obbligazzjonijiet, u jiġifieri, dik ir-regola li trid li dak li wieħed jintrabat għalih huwa l-liġi bejn il-partijiet u jrid iwettqu u ma jħassrux jekk mhux bi qbil mal-parti l-oħra ("*pacta sunt servanda*")[56]; filwaqt li t-tieni regola hi li kull min jintrabat fi ftehim jitqies li jwettqu b'bona fidi[57], u jgħodd mhux biss għal dak li jingħad fih imma wkoll għall-konsegwenzi kollha li r-rabta ġġib magħha[58];

Illi, qabel xejn, il-Qorti tosserva li kienet ħasra li, fil-qafas ta' dak mitħaddet bejn il-partijiet u tas-siwi ta' dak li kien maħsub li jiġri, huma ma ħassewx il-ħtieġa li jfasslu ftehim miktub sewwa u bit-tismija tal-kundizzjonijiet kollha ewlenija miftehma bejniethom. Il-"ftehim" jista' jidher qisu dikjarazzjoni unilaterali magħmula mill-attur u mhux ftehim bilaterali. Minbarra dan, jidher li l-azzjoni attriċi tissejjes ukoll fuq il-pretensjoni ta' xi ftehim ieħor li sar wara dak tas-6 ta' Ġunju, 2010, u li ma tniżżilx bil-miktub. L-attur jgħid li b'dawn il-ftehim il-ġodda milħuqin f'xi żmien wara l-ftehim, intlaħaq qbil fuq bejgħ ta' żewġ konsenji oħra. L-imħarrek saħansitra jiċħad għal kollox l-eżistenza ta' wieħed minnhom allegat mill-attur (dak marbut mal-bejgħ ta' aluminju);

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni fil-mertu l-Qorti sejra l-ewwelnett tqis (i) x'kien jgħid tassew il-"ftehim" miktub fid-9 ta' Ġunju, 2010, dwar liema materjal il-partijiet ftehmu fuqu, u jekk ir-rata tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kinetx imdaħħla fil-prezz miftiehem; u (ii) min kellu jħallas għat-tagħbija u l-ġarr;

Illi ħarsa mqar ħafifa lejn id-dokument miktub dak inhar juri li l-uniċi żewġ elementi tal-ftehim illi huma ċari mid-daqqa t'għajn huma l-kwantità tal-materjal li kien maħsub li jinbigħ (tlitt mitt (300) tunnellata), kif ukoll il-prezz għal kull tunnellata li kien ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350). Dan qed jingħad

---

[53] Art. 1008 tal-Kap 16
[54] Art. 1009 tal-Kap 16
[55] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs Bank Ċentrali ta' Malta***
[56] Art. 992 tal-Kap 16
[57] Art. 993 tal-Kap 16
[58] App. Ċiv. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph F Depares noe et vs John O'Dea noe et pro*** (mhix pubblikata)

għaliex kemm l-oġġett tal-ftehim (dak li l-partijiet isejħulu "*mixed cable wire*"), kif ukoll x'kien jinvolvi l-prezz (li kellu b'kollox jitla' għal mija u ħamest elef ewro (€105,000)), huma għal kollox ambigwi. Fir-rigward tal-prezz, il-partijiet użaw il-kliem "għas-somma finali ta' €105,000". Mill-bqija, dak il-ftehim huwa sajjem minn kull patt ieħor ;

Illi l-attur jispjega illi n-negozju tiegħu kien fil-qasam tal-ġbir ta' materjal ta' riċiklaġġ fosthom "*cable wire*", ħadid, bottijiet tal-metall, aluminju u plastika. Huwa jgħid illi l-imħarrek ried jixtri mingħandu kwantità ta' "*mixed cable wire*" u "*wire-strands, ...* ħadid mixed, u *mixed aluminium*, etc"[59]. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, jgħid illi huwa xtara mingħand l-attur "*cable, steel wire*", HMS u tubi tal-aluminju, iżda mhux ukoll "*alumiunium profiles*"[60];

Illi filwaqt illi jidher illi bejn il-partijiet hemm bqil dwar ix-xiri ta' "*cable wire*", "*steel wire*", HMS u tubi tal-aluminju, m'hemmx qbil fuq il-bejgħ-u-xiri ta' "*aluminium profiles*" li l-attur jgħid illi l-konsenja tagħhom saret f'Awwissu tal-2010[61], u li għalhekk żgur ma kinitx konsenja maħsuba fil-ftehim ta' Ġunju ta' qabel. L-imħarrek jiċħad għal kollox illi huwa qatt xtara konsenji ta' "*profiles*" tal-aluminju mingħand l-attur[62]. Huwa jisħaq illi l-aluminju m'huwiex tal-istess materjal bħal "*cable wire*" u ma jistax jitqies li jġib l-istess prezz[63]. Fi kliem l-imħarrek, il-ftehim tad-9 ta' Ġunju, 2010 huwa biss ftehim ta' parti mill-materjal illi huwa xtara, u jirreferi biss għax-xiri ta' tnax-il (12) kontejner ta' "*copper cable*""[64]. Jgħid ukoll illi l-fattura li ħareġ l-attur imkien ma ssemmi x-xiri ta' alumiunju iżda biss ta' "*mixed cables*"[65];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, fin-nuqqas ta' kjarezza fil-kitba u fil-qafas tal-fehmiet kontra xulxin tal-partijiet, iċ-ċirkostanzi probatorji f'dan il-każ iwasslu lill-Qorti għall-fehma illi, fil-fatt, fil-ftehim tad-9 ta' Ġunju, 2010, il-partijiet ftiehmu biss fuq il-bejgħ ta' "*cable wire*" kif jissemma fil-kitba, għall-prezz ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) kull tunnellata. Ma tressqux provi ċari u tajbin biżżejjed mill-attur biex il-Qorti titbiegħed minn dak li espressament jgħid il-ftehim u li għaldaqstant jistgħu jikkonvinċuha tqis mod ieħor;

Illi għar-rigward jekk ir-rata tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) kinetx imdaħħla fil-prezz imsemmi, l-attur jgħid illi l-materjal kollu li biegħ lill-imħarrek, anke dak lil hinn minn dak li kien jaqa' fil-ftehim tad-9 ta' Ġunju, 2010, kellu l-prezz fiss ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) kull tunnellata, liema rata

[59] Affidavit tal-attur f'paġ. 257 tal-proċess
[60] Xhieda ta' l-imħarrek f'paġ. 94 tal-proċess
[61] Affidavit tal-attur f'paġ. 259 tal-proċess u l-kontro-eżami tal-attur f'paġ. 348 tal-proċess
[62] Kontro-eżami tal-imħarrek f'paġ. 516 tal-proċess
[63] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 98 tal-proċess. Huwa jgħid illi l-aluminju jġib prezz ogħla mir-ramm, f'dan il-każ billi l-kwalità tar-ramm li fih il-"*cable*" kien wieħed inferjuri
[64] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 96 tal-proċess
[65] Xhieda ta' l-attur f'paġ. 95 tal-proċess

ma kinitx tgħodd fiha r-rata tat-taxxa fuq il-VAT[66]. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jisħaq li l-prezz imsemmi fil-ftehim ta' Ġunju tal-2010 kien jeskludi t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u jindika li dan sar hekk għaliex l-imħarrek ma riedx iħallas dik it-taxxa fuq il-konsenji li xtara mingħandu. L-attur jistrieħ ukoll fuq il-fatt illi huwa nstab ħati li ma kienx ħallas il-VAT għal dak li biegħ lill-imħarrek, bħala prova li dak il-ġbir u l-ħlas kien jaqa' fuqu[67] iżda li kellu jedd jiġbru mingħand l-imħarrek. Iżid jgħid ukoll illi l-preżunzjoni legali f'materja ta' jekk taxxa bħal dik tagħmilx parti mill-prezz jew le hija favur l-inklużjoni tal-VAT fil-prezz miftiehem[68]. Minħabba f'hekk, huwa jgħid li għandu kull raġun u jedd biex ifittex lill-imħarrek għall-ħlas, kif fil-fatt qiegħed jagħmel f'din il-kawża;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid illi r-rata tat-taxxa fuq il-VAT kienet inkluża fil-prezz maqbul ta' €350[69] kull tunnellata. Isejjes din il-fehma fuq tliet raġunijiet: fl-ewwel lok, illi l-partijiet ftiehmu bejniethom fuq "somma finali" li tissemma espressament fil-ftehim ta' Ġunju tal-2010; fit-tieni lok, illi l-irċevuta li ntużat mill-attur għal skop ta' taxxa fil-proċeduri li ttieħdu kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet tinkludi fil-prezz ir-rata tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[70] u, fit-tielet lok, illi l-liġi li tirregola t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tqis illi fejn l-ammont ta' taxxa ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lill-persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa[71];

Illi fuq dan l-aħħar punt, din il-Qorti diversament presjeduta[72] tat il-fehma tagħha f'ċirkostanzi jixxiebhu meta qieset bħala applikabbli t-tieni sub-inċiż tal-artikolu 49 tal-Kap. 406 billi l-ewwel sub-inċiż jirrigwarda bejgħ bl-imnut, filwaqt li t-tielet sub-inċiż jirrigwarda prezz imħallas fuq fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra;

Illi f'dan il-każ hu paċifiku li ebda fattura ma kienet inħarġet, u l-prezz deher biss fuq il-ftehim. Is-sub-inċiż tnejn (2) tal-artikolu 49 fuq imsemmi jippreżumi li fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas ma jkunx identifikat fil-ħlas jew prezz, għandu jitqies li l-prezz ikun jinkludi t-taxxa. L-eċċezzjoni fl-imsemmi sub-inċiż mhix applikabbli billi, bħas-sub-inċiż tlieta (3), ebda fattura jew dokument li serva ta' fattura ma inħareġ mill-attur lill-imħarrek, u kien biss

[66] Affidavit tal-attur f'paġ. 257 tal-proċess
[67] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Attur f'paġ. 577 – 8 tal-proċess
[68] *Ibid.* f'paġġ. 582-583 tal-proċess
[69] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 29 tal-proċess
[70] Ara Dok. "NC15" f'paġ. 44 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 90 tal-proċess
[71] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġġ. 596 – 7 tal-proċess
[72] P.A. MCH **25.6.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Semago Trading Company Limited vs The Stork Enterprise Company Limited et*** (konfermata f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Appell fis-26.11.2020)

wara insistenza tal-imħarrek illi nħarġet fattura li kienet turi li l-V.A.T. kien inkluż;

Illi l-Qorti tqis illi l-prova li t-taxxa kienet inkluża fil-prezz miftiehem saret bl-ammissjoni nnifisha tal-attur meta ressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fattura li turi li t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kienet imdaħħla fil-prezz miftiehem. Il-Qorti qatt ma tista' taċċetta illi, wara stqarrija bħal dik, l-attur jibqa' jgħid illi l-ftehim kien mod ieħor, għaliex dan ikun ifisser biss illi l-attur ittanta jqarraq bil-Qorti tal-Magistrati li quddiemha stqarr il-ħtija tiegħu li t-taxxa ma kienx ħallasha, ħaġa li din il-Qorti mhix ser tittollera li titħalla ssir jew toqgħod għaliha;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti se tagħżel li toqgħod fuq dak li xehed l-imħarrek;

Illi, għar-rigward tal-ispejjeż marbuta mat-tagħbija, il-ftehim tad-9 ta' Ġunju, 2010 huwa sieket għal kollox. L-attur jgħid illi n-nefqa għal kull kontejner li fih kien se jitgħabba u jinġarr il-materjal minnu mibjugħ kien jiswa elfejn u tmin mitt ewro (€2,800) u li dawn kellhom jitħallsu mill-imħarrek. Huwa għaldaqstant żied dan l-ammont fil-fattura li ħareġ lill-imħarrek[73]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid illi l-ispejjeż tal-ġarr kienu f'idejh u dak tat-tagħbija f'idejn l-attur, għalkemm laħaq ħareġ xi ħlasijiet huwa wkoll għat-tagħbija[74], iżda dan għaliex ried hu u mhux għax kien obbligat li jagħmel hekk jew minħabba l-ftehim;

Illi x-xhud Joseph Bonello li kien involut fil-ġarr tal-materjal minn sit għal ġol-*container* bl-użu ta' krejn, jgħid illi hu kien ftiehem prezz mal-attur, liema prezz kien jinkludi t-taxxa fuq il-Valur Miżjud, u li tiegħu għadu ma tħallasx[75]. Hu jgħid illi lill-attur kien jafu u li kien l-istess attur illi laqqgħu mal-imħarrek, iżda l-prezz hu nnegozjah mat-tnejn. Jgħid ukoll illi dakinhar meta tgħabba x-xogħol, filwaqt illi l-attur qallu li kien ser iħallsu l-imħarrek, għadda d-diskors illi l-imħarrek ma riedx iħallas. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, il-Qorti tqis li għat-tagħbija tal-materjal mingħand l-attur biex jittieħed għal għand l-imħarrek irid iwieġeb l-attur. Dan għaliex, fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-imħarrek bħala x-xerrej, il-liġi nnifisha tgħid li l-ispejjeż tal-kunsinna jbatihom il-bejjiegħ[76];

Illi jmiss illi l-Qorti tqis jekk il-ftehim li l-attur jgħid li laħaq mal-imħarrek wara dak tad-9 ta' Ġunju, 2010, jorbotx lill-imħarrek u kienx ukoll suġġett għall-istess kundizzjonijiet bħal dak tad-9 ta' Ġunju, 2010;

---

[73] L-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 338 tal-proċess

[74] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 65 tal-proċess. Il-Qorti qed tassumi illi l-imħarrek kien qed jirreferi għad-dokument "NC16" f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess

[75] Xhieda tiegħu f'paġġ. 241 – 2 tal-proċess

[76] Art. 1383(1) tal-Kap 16

Illi hawn nuqqas għal kollox ta' fehma bejn iż-żewġ partijiet. In-nuqqas ta' qbil jidher illi qiegħed fir-rigward tal-merkanzija tal-"*aluminium profiles*". Ma jidher li saret l-ebda kitba wara dik li saret f'Ġunju tal-2010, li minnha nnifisha, kienet dwar bejgħ ta' materjal speċifiku. Biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' kitba, l-attur ressaq bħala xhieda lil Mario Żahra, John Żahra u Jonathan Farruġia[77], li jixhdu illi, fis-sajf tas-sena 2010, għabbew xi materjal tal-aluminju f'kontejner li kien isejjaħ lill-imħarrek. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, jisħaq illi hu xtara biss tubi tal-aluminju li m'għandhomx x'jaqsmu ma' "*profiles*";

Illi huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[78]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[79]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[80] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[81];

Illi huwa wkoll miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[82] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*[83]. Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[84];

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ma tqisx illi l-attur seħħlu jressaq prova qawwija biżżejjed biex tista' tilqa' l-ewwel t-talba tiegħu lil hinn mill-prova tal-ftehim li sar f'Ġunju tal-2010. Għajr għal xi xhieda nvoluti fit-tagħbija ta'

---

[77] Paġġ. 208 sa 210 tal-proċess
[78] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[79] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[80] Art. 562 tal-Kap 12
[81] Art. 559 tal-Kap 12
[82] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[83] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[84] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe*** (konfermata fl-Appell fid- **19.6.2006**)

*containers,* ma tressqet ebda prova konkreta mill-attur dwar l-eżistenza u l-patti ta' ftehim li ntlaħaq bejnu u l-imħarrek. Lanqas inġabet prova taċ-ċifra illi l-attur qed jitlob għall-bejgħ lill-imħarrek tal-aluminju, imqar dwar kif din iċ-ċifra seta' wasal għaliha, li b'xi mod tista' titfa' dawl u tgħin lill- Qorti tikkonsidra t-talba tal-attur f'dan ir-rigward;

Illi għalhekk, għal dak li jirrigwarda **l-ewwel talba attriċi**, il-Qorti tista' tgħid biss li huwa biss dwar dak imsemmi fil-kitba li saret f'Ġunju tal-2010 għaliex baqgħet ma saritx il-prova ta' xi ftehim partikolari f'ċirkostanzi oħrajn bejn l-attur u l-imħarrek;

Illi, min-naħa l-oħra, il-Qorti għandha quddiemha eċċezzjoni li tgħid li l-imħarrek ma fadallu jħallas xejn aktar lill-attur għax kulma kellu jħallas għamlu qabel ma nfetħet dinil-kawża. Din hija l-*exceptio soluti*. Mill-atti joħroġ li saru għadd ta' pagamenti mill-imħarrek b'dati li joqorbu lejn ċirkustanzi msemmija mill-partijiet u mwieżna b'dokumenti li wieħed jista' joqgħod fuqhom u li jagħtu lil din il-Qorti raġunijiet li jwassluha biex toħroġ ix-xhieda tiegħu bħala li titwemmen iżjed mill-verżjoni tal-attur meta jistqarr li ħallas dak kollu illi kellu jagħti lill-attur;

Illi dan kollu l-Qorti qiegħda tqisu billi żżomm sħiħ ma dak li ngħad li: "*bħala kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġjonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioè l-attur l-esiġibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju <u>actore non probante reus absolvitur</u>. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor <u>reus in excipiendo fit actor</u>, għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' konflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*"[85];

Illi ngħad ukoll li "*Min jallega l-pagament għandu l-oneru li jagħti l-prova li l-obbligazzjoni ġiet estinta bil-ħlas. Għalkemm huwa minnu li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tingħata mhux biss b'riċevuti li, b'ċerta finalità jattestaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, iżda din il-prova tista' tinġieb ukoll b'mezzi oħra. Fl-assenza ta' riċevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma tħalli ebda*

[85] P.A. MCC **27.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Żerafa vs Nażżareno Muscat Scerri*** (mhix pubblikata)

*dubbju f'moħħ il-ġudikant*"[86]. Huwa mgħallem ukoll li "*La prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega*"[87]. Il-piż tal-prova tal-ħlas jaqa' fuq il-parti mħarrka li tallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi risolut favur il-parti attriċi[88];

Illi fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti jirriżultalha li l-imħarrek wettaq ħlasijiet li jtellgħu b'kollox għal mija u dsatax-il elf u mija u tmienja u għoxrin ewro (€119,128)[89] liema ħlas jaqbel ma' dak li jagħraf l-attur fl-i*statement* li huwa hemeż mar-rikors li bih fetaħ il-kawża. Min-naħa l-oħra, kif ingħad qabel, ma ntweriex b'liema rati jew taħt liema kundizzjonijiet kellhom ikunu dovuti lill-attur il-ħlasijiet li qiegħed jgħid għad fadallu jitħallas mill-imħarrek. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar il-ftehim li l-attur allega li saru b'żieda ma' dak li sar f'Ġunju, il-Qorti tasal biex tqis li l-imħarrek ma kienx għad fadallu ħlasijiet xi jwettaq lill-attur b'sodisfazzjon tal-pretensjonijiet tiegħu;

Illi fid-dawl ta' din il-konklużjoni, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni tal-imħarrek hija tajba u l-bqija tat-talbiet attriċi ma jixirqilhomx jintlaqgħu għaliex mhux mistħoqqa;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala li mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjoni tal-imħarrek** fil-mertu billi tinsab ippruvata; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**8 ta' Marzu, 2024**

---

[86] Maġ (Għ) AE **14.5.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvu Attard vs Salvu sive Sammy Camilleri*** (mhix appellata)
[87] Ara P.A. CS **30.6.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Azzopardi vs Paċifiku Cutajar*** u l-ġurisprudenza hemm iċċitata (mhix pubblikata)
[88] Ara P.A. HH **29.7.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Armando Seychell noe vs Frank Gabriele*** (mhix pubblikata); P.A. HH **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony H. Satariano vs Edgar Saliba*** (mhix pubblikata); Kumm. **28.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Mizzi***, (mhix pubblikata); u P.A. GV **30.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Scicluna vs Dominic Cutajar*** (mhix pubblikata) fost bosta oħrajn
[89] Dok "NC15", f'paġġ. 46 – 50 tal-proċess